MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 8/2003/1

**Sandro Chetcuti u James Barbara**

**Vs**

**L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollhom id-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, id-Direttur u Registratur tal-Qorti Ghawdex, George u Loreta konjugi Galea u Joseph Galea**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** ta' Sandro Chetcuti u James Barbara fejn ippremettew:

Illi b'konvenju datat sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) l-intimati Galea, flimkien u solidalment bejniethom, ippromettew li jbieghu u jittrasferixxu lir-rikorrenti li, flimkien u solidalment bejniethom, ippromettew u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw bicca art fabbrikabbli fl-iskema tal-bini fi Triq il-Kantra, Xlendi, Ghawdex kif deskritta fl-imsemmi konvenju u dan versu l-pattijiet u kundissjonijiet elenkati fl-istess konvenju.

Illi, *inter alia*, skond l-ewwel klawsola ta' l-istess konvenju l-kuntratt finali huwa soggett ghall-kundizzjoni li johrog il-permess ghall-bini ta' *terraced houses* fuq l-imsemmija art, liema permess ghadu sa llum ma nharigx u ghaldaqstant l-imsemmi konvenju ghadu vigenti stante illi l-imsemmija kundizzjoni ghadha ma sehhitx.  Fil-fatt din il-klawsola taqra hekk:-

"Bil-prezz ta' mija u hamsin elf Liri Maltin (Lm150,000). Ghak-kont ta' dan il-prezz, il-Kompraturi qeghdin ihallsu prezenzjalment hmistax il-elf Liri Maltin (Lm15,000) bhala depozitu, li ser jinzamm minn Nutar Dottor Roberta Bisazza u jigi rilaxxat malli jsiru ir-ricerki.  Il-Kumpraturi jobbligaw ruhhom illi jhallsu s-somma ta' hamsa u tletin elf liri Maltin (Lm35,000) fi zmien tlett xhur minn meta johrog il-permess ta' "terraced houses", u minn meta l-kumpraturi jkollhom in-notifika li jkunu jistghu jinbnew l-imsemmija "terraced houses", **fejn imbaghad il-kumpraturi ghandhom dritt jaghmlu l-kuntratt** u l-vendituri jkollhom id-dritt izommu l-ipoteka u/jew il-privilegg ghar-rimanenti bilanc kif rikjest mill-ligi".

Illi r-rikorrenti saru jafu li l-intimati Galea aggravaw il-proprjeta' mertu tal-konvenju fuq imsemmi u proprjeta' ohra b'zewg ipoteki specjali li huma nsinwati bin-numri progressiv 1612/2000 u 1613/2000 rispettivament ghall-ammonti sostanzjali li jeccedu s-somma ta' mitejn u tletin elf lira Maltin (lm230,000), b'hekk illi l-agir tal-intimati Galea kien qieghed jippregudika serjament id-dritt tar-rikorrenti li jixtru l-imsemmija art kif previst mill-imsemmi konvenju.

Illi peress illi fil-fehma tar-rikorrenti l-agir tal-intimati Galea kien qieghed jaghti wiehed x'jifhem illi kien qieghed jippregudika serjament id-dritt tal-istess rikorrenti li jixtru l-imsemmija art kif previst mil-imsemmi konvenju, fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) ir-rikorrenti pprezentaw rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, liema mandat igib in-numru 23/2002, fejn huma talbu li jigu kkawtelati d-drittijiet taghhom naxxenti mill-istess konvenju, billi l-intimati Galea jigu mizmuma milli (1) jbieghu, jnehhu, jiddisponu minn jew b'xi mod iehor jittrasferixxu *inter vivos* lil terzi u/jew jaggravaw b'izjed Ipoteki, privileggi, jew kwalunkwe piz iehor u/jew joholqu favur terzi kwalunkwe dritt reali jew personali fuq, fi kwalunkwe kaz sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, l-immobbli mertu tal-konvenju *de quo* u, (2) li bi kwalunkwe mod inaqqsu l-valur ta' l-istess proprjeta', nkluz bit-trasferiment, bit-tnaqqis jew liberazzjoni ta' kwalunkwe proprjeta' oltre dik fuq imsemmija mill-proprjeta' koperta bl-ipoteki specjali skritti bin-numri progressivi 1612/2000 u 1613/2000 moghtija mill-intimati Galea b'zewg kuntratti tat-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech u dan kollu sakemm jibqa' validu u vigenti l-konvenju ffirmat mill-partijiet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000).

Illi mar-rikors promotur ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni l-esponenti pprezentaw kopja tal-konvenju *de quo* u kopja taz-zewg ipoteki specjali fuq imsemmija.

Illi l-intimati Galea opponew it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni billi qalu (1) li l-klawsola numru wiehed fuq citata verbatim ghandha tigi nterpretata fis-sens li l-hrug tal-permess ghal "terraced houses" hija rilevanti biss ghall-finijiet tal-pagament tas-somma ta' Lm35,000 u m'ghandha l-ebda rabta mad-data tal-pubblikazzjoni tal-kntratt finali u (2) li l-konvenju *de quo* skada ghaliex ghaddew it-tlett xhur msemmija fl-artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili.

Illi permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Gunju, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri kif preseduta mill-

Magistrat Dottor Paul Coppini cahdet it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni u dan wara li qalet li “**rat ir-rikors u r-risposta relattiva, rat ukoll il-konvenju in kwistjoni u d-dokumenti l-ohra ezebiti**, billi ma rrizultax prima facie li r-rikorrenti ghandhom xi jeddijiet li jehtiegu jigu kkawtelati b’dawn il-proceduri”.

Illi bhala Dok. A qeghdin jigu ezebiti ma dan ir-rikors kopja legali ta’ l-atti ntieri tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 23/2002, nkluz id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur, ir-risposta ta’ l-intimati Galea u d-digriet tas-17 ta’ Gunju, 2002.

Illi fil-hamsa (5) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002), ir-rikorrenti regghu pprezentaw rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, liema mandat igib in-numru 31/2002, b’talbiet identici ghal dawk li saru fil-mandat precedenti, b’dan illi t-talbiet kienu preceduti minn premessi ferm aktar dettaljati (sabiex jirribattu dak li qalu l-intimati fl-ewwel risposta taghhom) u gew ipprezentati numru aktar ta’ dokumenti u cioe’ oltre l-konvenju u l-ipoteki specjali gew ezebiti wkoll:

(1) kontro-protest ta’ l-4 ta’ April, 2001 li fih l-intimati Galea stqarrew ‘Illi fl-istess konvenju gie miftiehem espressament li l-kumpraturi jkollhom id-dritt jaghmlu l-kuntratt meta jinhargu l-permessi bhala ‘terraced houses’ u cioe’ l-oppost ta’ dak li qalu fir-risposta taghhom ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 23/2002,

(2) ittra ta’ Av. Dr. Michael Grech lill-Avukat sottoskritt datat 11 ta’ April, 2002 li fiha qal li l-permessi nhargu u “konsegwentement nistghu nipprocedu bil-kuntratt” – fil-fatt m’hu veru xejn li l-permessi kienu nhargu u ghadhom ma nhargux sa llum, u

(3) kuntratt datat 11 ta’ Settembru, 1969 rigwardanti l-art mertu l-konvenju *de quo*.

Illi l-intimati Galea regghu opponew it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni u ghal dak li

jirrigwarda l-mertu regghu rripetew l-argumenti ta’ l-ewwel risposta taghhom u ziedu jghidu illi galadarba ma giex stabbilit zmien fil-konvenju meta kellu jigi ppubblikat l-att definittiv allura l-konvenju hu jew null jew japplika t-terminu ta’ tlett xhur previst mill-artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili.

Illi permezz ta’ digriet moghti fid-9 ta’ Lulju, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri kif preseduta mill-istess Magistrat Dottor Paul Coppini, regghet cahdet it-talba tar-rikorrenti u **dan wara li rat ir-rikors u rrisposta u d-dokumenti ezebiti** u stante li mid-data tad-digriet precedenti, u cioe’ tas-sbatax (17) ta’ Gunju 2002, ma rrizultax li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi in ezami.

Illi bhala Dok. B qeghdin jigu ezebiti ma dan ir-rikors kopja legali ta’ l-atti ntieri tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 31/2002, inkluz id-dokumenti ezebiti mar0rikors promotur, ir-risposta ta’ l-intimati Galea u d-digriet tad-9 ta’ Lulju, 2002.

Illi sussegwentement ir-rikorrenti ntavolaw kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Ghaawdex) Superjuri fl-ismijiet Sandro Chetcuti u James Barbara vs George u Loreta konjugi Galea u Joseph Galea (Citaz. Nru. 52/2002), fejn talbu illi l-imsemmija Qorti (1) tordna u zzomm lill-konvenuti, *previa occorrendo* dikjarazzjoni illi l-konvenju ffirmat bejn il-partijiet fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Jannar tas-sena elfejn (2000) ghadu vigenti, sabiex sakemm jibqa’ validu u vigenti bejn il-partijiet l-imsemmi konvenju, huma bl-ebda mod ma jbieghu, jnehhu, jiddisponu minn jew b’xi mod iehor jittrasferixxu *inter vivos* lil terzi u/jew jaggravaw b’izjed ipoteki, privileggi jew kwalunkwe piz iehor u/jew joholqu favur terzi kwalunkwe dritt reali jew personali fuq, fi kwalunkwe kaz sew b’titolu oneruz jew gratuwitu, l-art mertu ta’ l-istess konvenju u (2) tordna wkoll lill-konvenuti sabiex sakemm jibqa’ validu u vigenti l-istess konvenju bejn il-partijiet, bl-ebda mod ma jnaqqsu l-valur tal-proprjeta’ msemmija, nkluz billi ma jittrasferux, ma jnaqqsu xejn u ma jilliberaw l-ebda proprjeta’ mill-proprjeta’ l-ohra koperta bl-ipoteka specjali skritti bin-

numru progressiv 1612/2000 u 1613/2000 rispettivament moghtija mill-imsemmija konvenuti kif inghad aktar il-fuq.

Illi ma’ din il-kawza l-esponenti ezebew kopja tal-konvenju *de quo* u taz-zewg ipoteki specjali.

Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom l-intimati Galea regghu rripetew dak li qalu fir-risposti pprezentati minnhom fl-atti tal-mandati ta’ inibizzjoni fuq riferiti. Kopja ta’ din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet qieghdha tigi ezebita bhala Dok. C.

Illi l-punt li jrid jigi deciz fl-imsemmija kawza hu wiehed purament legali u cioe’ jekk il-konvenju *de quo* ghadux validu jew le u dan irid isir billi tigi ezaminata u analizzata l-klawsola 1 ta’ l-istess konvenju; ezercizzju li l-partijiet diga ghamlu b’mod estensiv fl-atti taz-zewg mandati fuq riferiti billi, kif diga ntqal aktar il-fuq, fil-mertu t-talbiet ta’ l-esponenti fil-kawza fuq imsemmija huma identici ghal dawk kontenuti fir-rikorsi ta’ l-esponenti ghall-hrug tal-mandati ta’ inibizzjoni filwaqt illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma identici ghar-risposti elaborati taghhom fl-atti ta’ l-istess zewg mandati ta’ inibizzjoni.

Illi din il-kawza giet ghas-smiegh quddiem il-Magistrat Dottor Paul Coppini li hu l-istess Magistrat li cahad it-talbiet kontenuti fiz-zewg rikorsi ta’ l-esponenti ghall-hrug tal-mandati ta’ inibizzjoni fuq riferiti u dan, kif jirrizulta miz-zewg digrieti stess fuq citati, wara li ha konjizzjoni tar-rikorsi, tar-risposti u tad-dokumenti ezebiti.

Illi peress illi l-istess Magistrat diga’ kien ezamina d-dokumenti relattivi ghall-kawza u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet rigwardanti l-mertu ta’ l-istess kawza, u ppronunzja ruhu dwarhom fiz-zewg digrieti moghtija fis-sbatax (17) ta’ Gunju, 2002, u fid-disgha (9) ta’ Lulju, 2002, ir-rikorrenti talbu r-rikuza tal-istess Magistrat ghar-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 734(1)(d)(i) u (ii) tal-Kap. 12.

Illi din it-talba tar-rikorrenti giet michuda u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2002 (Dok. D).

Minn dan id-digriet m'hemmx appell (Art. 738 (1) tal-Kap. 12).

Illi fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi taghhom fil-kawza fuq indikata – Citaz. Nru. 52/2002 fl-ismijiet Sandro Chetcuti et vs George Galea et – ir-rikorrenti mhumiex se jkollhom smiegh imparzjali minn tribunal indipendenti u mparzjali kif inhu ggarantiti lilhom bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jekk din il-lawza tinstema', kif fil-fatt qieghdha tinstema', mill-istess Magistrat li cahad it-talbiet taghhom fiz-zewg rikorsi fuq imsemmija billi l-istess Magistrat fid-digrieti relattivi diga' ppronunzja ruhu dwar il-klawsola 1 tal-konvenju *de quo* mertu tal-kawza, wara li ha konjizzjoni kemm ta' dak li l-partijiet qeghdin jghidu fl-istess kawza kif ukoll tad-dokumenti ezebiti mac-citazzjoni.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi s-miegh tal-kawza fuq riferita fl-ismijiet Sandro Chetcuti et vs George Galea et (Citaz. Nru. 52/2002) mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri presjeduta mill-Magistrat Dottor Paul Coppini tivvjola l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (applikabbli f'Malta bil-Kap. 319);

2. In virtu tal-poteri lilha moghtija, taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk il-mandati u/jew atti u taghti dawk id-direttivi u r-rimedji li jidhrilha xierqa halli jigu salvagwardati d-drittijiet taghhom naxxenti mill-imsemmija artikoli 39 u 6 li qeghdin u se jinkisru kif fuq espost.

Bl-ispejjez.

**Rat ir-risposta ta' l-intimati George u Loreta konjugi Galea, u Joseph Galea a fol. 60** tal-process fejn eccepew:

Illi l-esponenti qeghdin jikkontesaw t-talba tar-rikorrenti bhala nfondata fid-dritt u fil-fatt.

Ir-rikuza mitluba mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati ntalbet ghab-bazi ta' l-Artikolu 734 (1)(d)(ii) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

(1) L-imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza –
(d) (i) jekk ikun ta l-parir tieghu, ttratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha,
(ii) jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala mhallef jew bhala arbitru,
Izda dan ma jghoddz ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observantia*.

Ir-raguni ghaliex saret din it-talba kien ghaliex gie allegat li l-Magistrat Paul Coppini, li qed jippresjedi l-Qorti fil-kawza, "diga' ezamina d-dokumenti u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet principali rigwardanti l-mertu ta' din il-kawza u ppronunzja ruhu dwarhom f'zewg digrieti separati".

Din it-talba giet michuda billi dik ir-raguni ta' rikuza ma tapplikax fil-kaz meta l-Qorti tkun ippronunzjat ruhha f'mandat ta' inibizzjoni, li bl-ebda mod ma jkun iddecieda jew iddispona mill-mertu tal-kawza. Fil-fatt din ir-raguni ta' rikuza hija skluza proprju fil-*proviso* ta' (d) (i) ta' Artikolu 734 li tghid li din it-talba ma tapplikax meta d-decizjoni ta' l-imhallef "ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet".

Jigi osservat li r-rikuza hija fil-verita' oppozizzjoni kontra l-gudikant. Din m'hix xi haga li tista' titqanqal arbitrarjament minn xi parti ghaliex thossha iktar komda jew protetta quddiem gudikant iktar minn iehor; hija procedura specjali ntiza biex thares l-interessi tal-gustizzja u hia sollevabbli f'cirkostanzi precizi u partikolari. U l-ligi tal-procedura ma

setghatx ma tillimitax drastikament u trassattivament ic-cirkostanzi fejn din tista' titqajjem; altrimenti wiehed jispicca fl-arbitrarjeta' u jaghti lok ghal hafna dubbji u ngerenzi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-ikbar garanzija sabiex il-gustizzja tidher li qed issir huwa billi l-gustizzja tigi amministrata f'parametri ta' regoli fissi u d-diskrezzjoni tkun ezercitata fil-limiti ta' dawk ir-regoli. Altrimenti din ma tibqa' gustizzja xejn u ssir arbitrarjeta'.

Kien ghalhekk gust li l-Qorti cahdet it-talba ghar-rikuza tal-Magistrat Coppini kif mitlub.

Issa pero' r-rikorrenti qeghdin isostnu li s-smiegh ta' din il-kawza jikkostitwixxi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett sew mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi:

Jekk din il-kawza tinstema' mill-istess Magistrat li cahad it-talbiet taghhom fiz-zewg rikorsi fuq imsemmija billi l-istess Magistrat fid-digrieti relattivi diga' ppronunzja ruhu dwar il-klawsola 1 tal-konvenju de quo mertu tal-kawza, wara li ha konjizzjoni kemm ta' dak li l-partijiet qeghdin jghidu fl-istess kawza kif ukoll tad-dokumenti ezebiti mac-citazzjoni.

F'dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jinjoraw id-differenza li tezisti bejn l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni u dak ta' kawza proprja. Il-mandati kawtelatorji huma mekkanizmu li tohloq il-ligi sabiex sakemm possibli pendenti proceduri gudizzjarji jkun hemm protezzjoni adegwata ghall-jeddijiet ta' l-attur sabiex id-dekors ta' zmien ma johloqx pregudizzju ghall-jeddijiet tal-istess attur. Ghalhekk il-mandati partikolarment ta' inibizzjoni jinhargu biss fuq prova prima facie sabiex l-intimat jinzamm milli jaghmel xi haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-jeddijiet tar-rikorrenti sakemm jigi definittivament deciz il-mertu. Il-mandat ta' inibizzjoni huwa regolat bl-artikolu 873 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li:

873. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol

iehor ikun li jkun, inkella, milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat.

(2) Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghand dawk il-jeddijiet.

(6) Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawkil-jeddijiet u li jekk dak il-mandat ma jinharigx il-pregudizzju li jinholoq ma jkollu ebda rimedju ghalih.

Ghalhekk dak li jrid jipprova r-rikorrenti f'mandat ta' inibizzjoni huwa illi:-

a. l-intimat ikun qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent;

b. li jkun jidher "prima facie" li r-rikorrenti ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja;

c. li l-mandat ikun necessarju sabiex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Il-Qorti ghandha tikkunsidra biss jekk dawn it-tlett elementi gewx ippruvati u huwa biss fil-kaz li jissussistu t-tlieta li huma ghandha tilqa' l-mandat. Hija ma taghmilx kunsiderazzjonjiet simili ghal dawk li taghmel f'kawza u ma tiddecidix dwar il-mertu. Altrimenti tkun qed teccedi l-poteri taghha.

Il-mandat irid ikun gustifikabbli minhabba pregudizzju serju u probabbli li jista' jsofri r-rikorrenti fl-ezercizzju tal-jeddijiet tieghu u li tali pregudizzju difficilment jista' jigi rimedjat. Konsegwentement id-digriet f'mandat ma jiddisponix definittivament mill-mertu tal-vertenza izda

johloq speci ta' *modus vivendi* bejn il-partijiet pendenti l-eventwali gudizzju, anki sabiex il-konvenut jinzamm milli jaghmel xi haga li permezz taghha jeludi l-effetti ta' l-eventwali gudizzju fil-konfront tieghu.

Tant bil-mandat ma jigix definittivament deciz il-mertu, li l-ligi taghna iktar u iktar wara l-emendi ntrodotti fl-1995 tippermetti l-varjazzjoni tad-digriet originali fi kwalunkwe stadju. Li kieku digriet f'mandat kawtelatorju jiskwalifika lill-gudikant milli jisma' l-kawza, allura bl-istess argument anki l-gudikant li jaghti digriet ghall-varjazzjoni ta' dak inizjali ghandu logikament iwassal ghall-istess konkluzjoni. Ghaldaqstant, ma hemm xejn li jipprekludi lir-rikorrenti milli jkollhom smiegh xieraq f'kawza li tirrigwarda l-istess mertu ta' mandat ta' inibizzjoni, ghaliex kemm il-kunsiderazzjonijiet kif ukoll il-konkluzjonijiet tal-Qorti huma ta' natura kompletament diversa.

L-eskluzjoni ta' l-applikabilita' ta' Artikolu 734 (1) (d) (ii) fil-kaz li l-Imhallef ma jkunx iddispona definittivament mill-mertu oggett tal-kawza m'hijiex wahda kappriccjuza. Fl-umli fehma ta' l-esponenti, kienu proprju l-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija li nducew lill-legislaturi biex jippermettu li l-istess Imhallef jisma' u jitratta kemm mandat kif ukoll kawza dwar l-istess mertu.

Ghaldaqstant dan ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali, tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u tad-Direttur u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex a fol. 64** tal-process fejn eccepew:

Illi huma jopponu t-talbiet tar-rikorrenti stante li l-fatt illi l-kawza 'de quo' qieghdha tinstema' mill-istess Magistrat illi ddekreta rikorsi ghall-mandati ta' inibizzjoni dwar l-istess mertu ma jimportax bhala konsegwenza n-nuqqas ta' smiegh xieraq fit-termini ta' l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew ta' l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi huwa pacifiku illi l-mandati kawtelatorji u t-talbiet ghall-hrug taghhom jigu decizi biss abbazi tal-konsiderazzjoni dwar jekk hemmx gustifikazzjoni biex tinghata protezzjoni provizorja ‘pendente lite’ u abbazi ta’ jekk hemmx ‘prima facie’ dritt x’jigi kawtelat.

Huwa wkoll principju stabbilit illi d-decizjoni ta’ mandat kawtelatorji ma tippregudikax il-meritu.

Fi kwalunkwe kaz, u dan qieghed jigi sottomess ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatt illi d-decizjonijiet tal-Qorti ta’ Ghawdex (Superjuri Civili) huma appellabbli lill-Qorti ta’ l-Appell ifisser illi jezisti mezz ordinarju u zieraq ta’ rimedju ghall-lanjanzi tar-rikorrenti jekk dawn jirrizultaw fondati u jekk ir-rikorrenti jkollhom interess illi jressquhom wara li tinqata’ l-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Rat ir-risposta tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti u tad-Direttur u Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex a fol. 66** tal-process fejn eccepew:

1. Fl-ewwel lok, illi l-esponenti m’humiex legittimi kontradditturi in kwantu huma ufficjali subordinati ta’ l-imsemmija Qorti  l-kariga taghhom hija separata u distinta minnha.  Illi, ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti, kif diretti kontra taghhom, huma nfondati guridikament u jtendu li jilledu l-indipendenza u l-imparzjalita’ tal-Qorti garantita fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.  Ghalhekk l-esponenti ghandhom ikunu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju u m’ghandhomx ibatu spejjez.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dan, il-pronunzjament tal-Qorti kif preseduta fl-atti tal-mandat *de quo* ma jilledix id-dritt lamentat mir-rikorrenti fil-kawza citata stante li l-proceduri tas-smigh tal-mandat huma *prima facie*, ta’ natura provvizorja u jistghu jkunu degretati *in camera*, waqt li dawk tal-kawza citata quddiem l-istess Qorti identikament preseduta, huma a bazi ta’ ezawriment ta’ provi ta’ fatt u dritt, fejn il-kontestazzjoni tinghata trattament sostantiv milli formali

bhal fil-kaz tas-smigh ta' rikors ghal hrug ta' mandat kawtelatorju, liema trattament ikun finalizzat b'sentenza, b'mod li ma tkunx ippregudikata l-massima ta' l-imparzjalita' tal-Qorti jew tal-gudikant. Ghalhekk ma tirrizultax sitwazzjoni li tista' tohloq dubju reali dwar oggettivita'.

3. Jorbot ukoll dan ir-ragunament, anke f'dak li tghid il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma' l-istitut tar-rikuza fil-Kapitolu 12, u partikolarment l-artikolu 734 (1)(d)(i) u (ii) tieghu, li r-rikorrenti sempliciment jindikaw minghajr ma jiccitaw, illi jistipula fil-*proviso* tal-paragrafu (d)(ii) tieghu, illi: "izda dan (i.e. li l-kawza kienet ga giet quddiem l-imhallef) ma jghoddx ghal decizjoni moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-mertu fil-kwistjoni, u lanqas ghal sentenza li tehles *ab observanria*".

4. Inevitabbilment isegwi li r-rikorrenti ghadhom ma ezawrewx ir-rimedju ordinarju disponibbli ghalihom qabel ma adixxew din l-Onorabbli Qorti ghal rimedju kostituzzjonali.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba**

Dan huwa rikors kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li huma mhux ser ikollhom smigh xieraq jekk il-kawza taghhom quddiem il-Qorti t'Ghawdex tinstemgha u tinqata' mill Magistrat P. Coppini, billi hu kien l-istess gudikant li cahad zewg talbiet li huma ghamlu ghall hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fuq l-istess mertu bhal dak tal-kawza.

**Legittimu kontradittur**

L-intimati, Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, u d-Direttur u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex irrispondew li huma m'humiex il-legittimi kontradItturi in kwantu huma

ufficjali subordinati ta’ l-imsemmija Qorti u l-kariga taghhom hija separata u distinta minnha.

Illi skond l-artikolu 181 B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Illi fil-kawza fl-ismijiet L. Stafrace noe vs Agent Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid 9 ta’ Novembru 1988 ( Vol LXX11 p1 p 127) il-Qorti kienet iddecidiet li r-Registratur tal-Qrati ma kienx il-persuna idonea biex joqghod f’gudizzju tali billi bhala Kap ta’ Dipartiment hu jirrapprezenta lill Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju ta’ l-amministrazzjoni pubblika inerenti ghal dak id-Dipartiment u l-kwistjoni prezenti (ksur ta’ drittijiet fundamentali minhabba dewmien irragjonevoli ) ma kenitx tidhol f’tali xorta ta’ mansjonijiet.

Fil-kawza C. Delia et vs Registratur tal-Qrati et deciza fil 25/4/1990 (Vol LXXIV p1 p 91) l-istess Qorti Kostituzzjonali sostniet li r-Registratur tal-Qrati m’ghandux ir-rappresentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f’kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti (ara ukoll G. Xuereb vs Registratur tal-Qrati PA (Kost) 14/3/02 u PA (Kost) E. Mugliette vs Reg. Qrati ta’ Revizjoni ta l-Atti Notarili 12/6/02.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-emendi ghal Artikolu 181 tal-Kap 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja fuq citata, jidher li l-eccezzjoni ta’ l-intimati Direttur Generali u Registratur tal-Qorti ghandha tigi milqugha u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

F’dan il-kaz l-Avukat Generali huwa l-legittimu kontradittur billi huwa jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu

jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern bhal f'dana l-kaz.

**Rimedji ordinarji**

L-intimati, Avukat Generali, Direttur Generali u Registratur tal-Qorti u d-Direttur u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex (ara fol 64) irrispondew ukoll li r-rikorrenti ghadhom ma esawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom. Huma qed jissottomettu li l-fatt illi d-decizjonijiet tal-Qorti ta' Ghawdex (Superjuri Civili) huma appellabbli lill-Qorti ta' l-Appell ifisser illi jezisti mezz ordinarju u xieraq ta' rimedju ghall-lanjanzi tar-rikorrenti jekk dawn jirrizultaw fondati u jekk ir-rikorrenti jkollhom interess illi jressquhom wara li tinqata' l-kawza.

Illi d-degriet moghti mill-Magistrat Coppini fejn cahad it-talba ghal rikuza (ara fol 54) mhux appellabbili (ara 738(1) Kap 12) u l-uniku rimedju li r-rikorrenti kellhom f'dak l-istadju kien li jintavolaw il-proceduri odjern. Dwar ir-rikuza tal-Magistrat ir-rikorrenti ma setghux jibqu jistennew sakemm tinqata' l-kawza ghax anke kieku dak id-digriet kien inappellabbili. Izda fi kwanunkwe kaz ir-rikorrenti huma ntitolati ghall smigh xieraq mhux biss fl-istadju ta' l-Appell imma anke fl-stadju kollhu tal-proceduri cjoe anke fil-Prim Istanza.

**Rikuza**

L-intimati rrispondew fil-mertu li t-talba ghar-rikuza tal-Magistrat koncernat ma taqax taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi tasattivament enumerati fl-artikolu 734 tal-Kap 12.

Inoltre huma jissottomettu li skond l-artikolu 734(d) (ii) proviso, il-Magistrat kien korrett meta cahad it-talba ghar rikuza billi meta ddeggreta l-mandati ta' inibizzjoni huwa ma kienx qed jaqtgha definittivament il-mertu in kwistjoni bejn il-partijiet u ghalhekk ma kienx prekluz milli jisma l-kawza li r-rikorrenti istitwew fil-Qorti t'Ghawdex dwar l-istess vertenza.

**Tikkunsidra**

Illi gie stabbilit mill-Qrati taghna li:

"Anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghall rikuza - anzi jista jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor.Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).

"….Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et filz-17 ta' Lulju 1996 (Kost).

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari. [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et 1/11/96; ara wkoll E. T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et 22/10/1984 Kost.).

L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jiddisponi:

*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a*

*fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovvdi:

(1) *Whenever any person is charged with a criminal offence he shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fair hearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law.*
(2) *Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial; and where proceedings for such a determination are instituted by any person before such a court or other adjudicating authority, the case shall be given a fair hearing within a reasonable time*.

Dwar x'inhu *independent and impartial tribunal,* l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jitolbu li t-tribunal ikun indipendenti u imparzjali. "Indipendenza" tfisser indipendenza kemm mill-partijiet kif ukoll mill-esekuttiv; "Imparzjallita" tista' tkun soggettiva jew oggettiva. Hija **soggettiva** meta "*the tribunal is subjectively impartial in the sense that its members are free from personal bias*" u **oggettiva** "*whether from an objective point of view there is sufficient appearance of impartiality or whether the guarantees of impartiality in a given situation are such as to exclude any legitimate doubt on the matter*".

L-imparzjalita' tal-membri tat-tribunal ghandha tkun prezunta sakemm ma tingiebx prova bil-kuntrarju (ara Le Compte, Van Leuven and De Meyeree 23.6.91)

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti m'humiex qed jattakkaw l-imparzjalita soggettiva tal-magistrat koncernat.

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li indipendentement mill-fatt li a termini ta' l- artikolu 734 tal-Kap 12 il-Magistrat Dr.Coppini jista jisma l-kawza dan pero ma jfissirx li m'hemmx jew mhux ser ikun hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq minn tribunal imparzjali. Il-

punt li jrid jigi deciz fil-kawza huwa wiehed purament legali u cioe jekk il-konvenju in kwistjoni ghadux validu jew le u dan irid isir billi tigi ezaminat il-klawzola 1, ezercizzju li l-partijiet diga ghamlu fl-atti taz-zewg mandati. It-talbiet tar-rikorrenti fil-kawza huma identici ghal dawk kontenuti fir-rikors ghal hrug tal-mandati ta' inibizzjoni. Ghalkemm il-Magistrat ma ddecidiex definittivament il-mertu in kwistjoni izda meta cahad iz-zewg rikorsi tar-rikorrenti fid-digrieti relattivi huwa ppronnunzja ruhhu dwar il-klawzola 1 ta' konvenju de quo mertu tal-kawza. Ir-rikorrenti jirritjenu li sabiex il-Magistrat wasal ghal tali decizjoni huwa ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet principali maghmula mill-partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' klawzola 1 mertu tal-kawza u ghalhekk ppronnunzja ruhu dwar dak li jirrapprezenta l-punt krucjali fil-kawza li issa giet quddiem l-istess magistrat.

**Tikkunsidra**

Illi biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni l-Qorti trid taccerta ruhha li r-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet; u li jekk il-mandat ma jinharigx bil-pregudizzju li jinholoq ma jkollu ebda rimedju ghalih.

F'dak l-istadju l-Qorti ma tkun qed tidhol fil-mertu tal-kontroversja bejn il-partijiet, izda tkun qed tara jekk jirrizultawx l-elementi imsemmija rikjesti milli ligi u jekk tkun sodisfatta li hemm ragunijiet prima facie ghaliex it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha, tordna li jinhareg il-mandat. F'dan l-istadju l-Qorti ma tkunx qed tiddeciedi l-mertu bejn il-partijiet. L-iskop tal-hrug tal mandat ta' inibizzjoni mhux biex jigi deciz jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt jew le fil-kontroversja imma l-iskop huwa biex jitolbu protezzjoni provvisjorja sakemm tigi deciz definittivament il-kontroversja u b'hekk il-posizzjoni bejn il-partijiet ma tigix pregudikata irrimedjabillment. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti qabel tordna l-hrug tal-mandat jew tichdu, mhumiex l-istess bhal dawk li taghmel meta tkun ser taghti decizjoni finali fuq il-mertu. Il-finalita', cjoe fejn trid tasal il-Qorti hija differenti – wahda hija protezzjoni provvisjorja u l-ohra hija decizjoni finali fil-mertu. Anke l-konsiderazzjonijiet li taghmel il-Qorti huma

differenti ghax il finalita hija differenti. F'wahda tara jekk prima facie hemmx l-elementi ghal hrug tal-mandat u fl-ohra jekk ir-rikorrent ghandux ragun fil-mertu.

Dina d-distinzjoni hija rikonoxxuta fil-Kodici, Kap 12 fil-provviso  tal-artikolu 734(d)(ii) fejn tirreferi ghal fatt li l-materja ma giex deciza definittivament. Inoltre, jigi rilevat li l-artikolu 736, biex jikkonferma dan, jipprovvdi fl-istess sens li ebda wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 734 (dwar rikuza) ma jzomm lill-Imhallef milli jiffirma, meta mehtieg, citazzjonijiet u mandati.

Kwantu ghall dak sottomess mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-posizzjoni fir-rigward tal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tigi mqabbla mal kaz ta' ritrattazzjoni billi fir-ritrattazzjoni l-ewwel Qorti tkun iddecidiet il-mertu tal-kontroversja u mhux harget protezzjoni kawtelatorja. L-istess ghandu jinghad ghal kwistjoni  tal-Magistrat inkwirenti li jkun mexxa l-inkjesta u li mbaghad ma jkunx jistax jisma l-kumpilazzjoni fejn ikun ser jiddeciedi fuq fatti li dwarhom huwa jkun diga esprima opinjoni u ha decizjonijiet dwar il-persuna imputata.

Ghalhekk  b'riferenza ghat test oggettiv fuq imsemmi,  u cjoe jekk f'dan il-kaz kienx hemm cirkostanzi oggettivament riskontrabbli li jnisslu dubbju legittimu  dwar l-imparzjalita' tal-Qorti, ghalkemm quddiem il-Magistrat Coppini gew prezentati dokumenti u saru sottomissjonijiet huwa evalwahom biss sabiex jiddeciedi jekk gewx sodisfatti l-elementi rikjesti skond l-artikolu 873 tal-Kap 12 sabiex jinhareg il-mandat ta' inibizzjoni. Huwa ma ppronunzjax ruhhu dwar il-mertu tal-kaz  u l-konsiderazzjoni li huwa ghamel tal klawzola 1 kien biss biex jigi determinat jekk kellux jinhareg il-mandat u mhux biex jiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhom ragun jew le fil-mertu. Il-Magistrat bl'ebda mod ma ddecidieda l-vertenza definittivament.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lid-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u lid-Direttur u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex spejjez ghar-rikorrenti;

U tichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-Avukat Generali u fil-konfront ta' George u Loreta konjugi Galea u Joseph Galea.

Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------